MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 639/2007

**Talba Nru: 639/07 PBC**

**Valhmor Borg Import Export Limited – C 3062**

**-vs-**

**Saviour Scicluna u Philip Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) – (Lm1,500) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata u dana skond skrittura privata datata 4 t'April, 2005 flimkien mal-imghax kummercjali dekorribbli mid-data tal-istess skrittura sal-

pagament effettiv. Illi l-konvenuti nterpellati diversi drabi ghall-hlas baqghu nadempjenti. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Gunju, 2006 bl-imghax kummercjali dekorribbli mill-4 t'April, 2005 sal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) – (Lm1,500), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------